QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A., LL.D.

SEDUTA TA' NHAR ILGIMGHA 8 TA' MARZU 2002

Avviz Nru:- 1007/00DM

Atlas Insurance Agency Ltd u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance PLC gia Guardian Royal Exchange PLC kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal–assigurat taghhom Martin Cutajar u l-istess Martin Cutajar f'isimu proprju

vs

David Borg

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta'liema l-atturi talbu il-kundannah tal-konvenut sabiex jhallas is-somma komplessiva ta' Lm389.00 (ltiet mija u disa u tmenin lira Maltin) danni mhallsa mill-attur nomine fuq vettura EBD 191 assikurata comprehensive hlief ghall-hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) excess u ghal liema somma l-attur nomine jinsab surrogat fid-drittijiet ta' Martin Cutajar u dan b'rizultat ta' habta li grat fit-22 ta' Novembru 1999 gol-Mosta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura DAA 697 habat mal-vettura FBD 191 proprjeta ta' Martin Cutajar u misjuqa minnu u ghal liema incident kien unikament responsabbli

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Frar 2000 u tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju Numru 1083/000, tat-12 ta' Lulju 2000 fl-ammont ta' Lm17.000 u l-imghax tat-8% fuq Lm389 mid-data tal-avviz sal-hlas effettiv.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:-

1 It-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament minhabba traskuragni imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attur;
2 Id-danni allegatament sofferti fil-vetttura proprjeta ta' Martin Cutajar huma eccessivi;
3 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkundrat:-

Illi ghal dak li jirrigwarda r-responsabbilta' ghall-incident in kwistjoni il-provi jikkonsistu esklussivament fid-deposizzjonijiet tad-drivers involuti u cioe ta' Martin Cutajar l-attur u ta' David Borg il-konvenut u tal-ufficjal li nverstiga l-kaz li min-naha tieghu pprezenta sketch u rapport relattiv.

Minn dawn il-provi jirrizulta illi l-attur Martin Cutajar kien qieghed isuq ghal affari tieghu go Independence Avenue, Mosta u ried idur fuq triq fuq in-naha tax-xellug tieghu.

Mid-deposizzjoni tal-istess Martin Cutajar jirrizulta illi huwa xeghel l-'indicator', naqas il-velocita minghajr ma ssorpassa lil hadd waqt li kien qieghed isuq u kif appena beda idur fuq ix-xellug tieghu giet karrozza minn warajh u fuq in-naha tax-xellug tieghu stess u dahlet gol-bieba ta' quddiem tan-naha tal-gemb tax-xellug kif indikat fir-ritratti a fol. 40 tal-process.

Biex din il-vettura setghet giet minn fuq in-naha ta' xellug tieghu u laqghtitu fuq il-bieba tax-xellug, din il-karrozza bilfors kellha tkun provenjenti minn go spazzju ossia 'service road' delineata b'linja konttinwa bajda.

Minn din il-verzjoni definittivament ma jirrizulta ebda nuqqas da parti tas-sewwieq anzi jirrizulta illi l-istess sewwieq Martin Cutajar kien osserva sew ir-regolamenti tat-traffiku li kien ha l-prekawzjonijiet kollha necessarji.

Billi l-konvenut jammetti illi hu kien gej mill-istess direzzjoni tal-attur u li kien qieghed isuq warajh, biex jiskolpa ruhu allega fl-ewwel lok illi l-isketch mhux preciz u ghalhekk allega illi ma kienx qieghed isuq fis-'service road' qabel ma grat il-habta, allega wkoll li ma halliex daqstant brake marks daqs kemm jidhru fuq l-isketch u allega wkoll illi kien gie issorpassat minn l-istess Martin Cutajar izda f'punt iktar il-fuq f'Independence Avenue u illi l-kawza tal-habta kien illi Martin Cutajar kiser fuq ix-xellug ghal l-gharrieda u ma tahx cans jevitah.

Izda din il-verzjoni mhix sorretta minn ebda cirkostanzi tal-kaz anzi hija kontradetta minn diversi indizji illi wiehed jista' jsib kemm mill-isketch kif ukoll mid-deposizzjonijiet tal-istess xhieda.

Infatti t-tlettax (13) il-metru 'brake marks' illi xehed fuqhom l-ufficjal li nvestiga l-kaz li huwa xhud independenti, jindikaw velocita eccessiva da parti tal-istess konvenut fic-cirkostanzi li jinsab fihom. Jirrizulta wkoll illi

b'din il-velocita' meta jirrizulta wkoll illi kienet ix-xita u t-triq kienet tizloq, il-konvenut ma kienx qieghed izomm distanza sufficjenti bejn il-vettura tieghu u l-vettura ta' quddiemhu.

Inoltre m'hemm l-ebda spegazzjoni li jista' jaghti l-konvenut kif il-vettura tieghu effettivament ma kienetx fejn giet indikata fl-isketch, Billi l-istess attur kien digia qieghed idur fuq ix-xellug tieghu u ntlaqat frontalment fuq il-bieba tax-xellug ta' quddiem, dan jindika li l-konvenut ma setghax b'ebda mod jahbat mal-bieba ta' quddiem max-xellug tal-attur jekk ma kienx provenjenti mill-istess 'service road' ossia minn dik il-parti tat-triq li ma kienetx destinata ghas-sewqan ta vetturi.

Kieku l-vettura tieghu kienet, kif jippretendi huwa stess, fit-triq oltra l-linja l-bajda, il-kollizzjoni kienet issir ma wara tal-vettura tal-attur sakemm l-attur ma kienx beda jdur ghal got-triq laterali fuq ix-xellug minn-nofs tat-triq principali. Izda mill-isketch jirrizulta li l-vettura tal-attur intaqtet meta kienet faccata is-service road u dan ma giex kontestat mill-konvenut.

Ghalhekk il-Qorti tiskarta totalment il-verzjoni moghtija mill-konvenut u issib li huwa kien unikament responsabbli ghall kollizzjoni in kwistjoni u ghalhekk jrid jirrispondi ghad-danni kollha illi sofriet il-vettura tal-attur.

Dwar id-danni effettivament kienu gew imhallsin mill-kumpanija assikuratrici u mill-ircevuti prodotti jirrizulta illi dawn ammontaw ghas-somma komplessiva ta' Lm438.44 (erba' mija u tmienja u tlettin liri Maltin u erba u erbghin centezmi) skond l-ircevuti kollha esibiti.

Izda billi t-talba saret ghal somma komplessiva ta' Lm389.00 (tlett mija u disa' u tmenin liri Maltin), il-Qorti ma tistghax tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-atturi s-somma komplessiva oltre Lm389.00 (tlett mija u disa' u tmenin liri Maltin) mitlubin li minnhom Lm25 (hamsa u ghoxrin liri Maltin) huma dovuti lill-attur Martin Cutajar in kumpens tas-somma minnhu mhallsa bhal 'excess" skond il-polza tal-assikurazzjoni.

Ghaldaqstant tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut jhallas is-somma komplessiva ta' Lm389 (tlett mija u disa' u tmenin liri Maltin) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghax legali b'effett mit-8 t'Awwissu 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

.................................

Mag. Dr. D. Montebello BA LLD

A. Farrrugia
Dep/Reg Civ33